IMPATT

3



B'XEJN!

Din ir-rivista
hi interattiva

IMPATT

Ippubblikat 2021/2022

Produzzjoni u pubblikazzjoni
Write Deal Association

Dan il-proġett ġie ffinanzjat permezz tal-Voluntary Organisations Project Scheme amministrat mill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat f'isem is-Segretarjat Parlamentari għall-Isport, ir-Rikreazzjoni u l-Għaqdiet Volontarji fi ħdan il-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Kwalità tal-Ħajja.

Il-Kunsill Malti għas-SETTUR VOLONTARJU

VOPS Voluntary Organisations Project Scheme

IS-SEGRETARJAT GĦAS-SPORT, REKREAZZJONI U L-GĦAQDIET TAL-VOLONTARJAT

Nixtiequ nirringrazzjaw ukoll lil
(skont l-ordni alfabetika)

GRAND HARBOUR MARINA VITTORIOSA ✳ MALTA

MED SERV

melita foundation

Pro.Motion

THE POINT SHOPPING MALL TIGNÉ POINT

Din il-pubblikazzjoni tirrifletti biss il-veduti u l-ħsibijiet tal-pubblikaturi/awturi, u l-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat ma jistax jinżamm responsabbli għall-kontenut jew għall-użu li jista' jsir minn dan l-istess kontenut.


Write Deal Association
VO/0695
www.animationmalta.org

Kif tuża l-interattività

Din ir-rivista hi interattiva.
Idħol fis-sit elettroniku:
https://www.ruthfrendo.com/kotba

Fittex il-qoxra ta' din ir-rivista u ara l-istruzzjonijiet kif tniżżel u tuża l-app relatata magħha.

Issa jonqos biss li tibda tgawdi l-maġija li qed noffrulek!



It-tim ta' IMPATT

Produzzjoni u pubblikazzjoni
Write Deal Association

Ringrazzjament speċjali
Mauro Pace Parascandolo
Anne Marie Apap
David Muscat
Kimberley Grech

Editur
Ruth Frendo

Disinjatur tar-rivista
Joseph A. Cachia

Qari tal-provi
Carlston Grima

Stampat
Sunland Printers Ltd

Ir-rivista interattiva qed tiġi mqassma mill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu u mill-Ministeru tal-Edukazzjoni u l-Isport

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

IMPATT

Kontenut

6
L-ittra tal-Editur

7
Premjijiet għall-volontarjat

10
L-inklużjoni

12
Ix-xena tal-Litteriżmu f'Malta


15
Min hi Malala?

16
L-akbar ħabib tal-bniedem















19
Legali vs illegali

20
Pariri importanti

22
Superman u Mosè

23
Kwotazzjonijiet biex jispirawk







L-ittra tal-Editur



X'hemm isbaħ milli tapprezza dak li għandek waqt li taħdem biex tiżviluppa lilek innifsek billi tkun lest titgħallem?

Meta ngħid 'titgħallem' infisser mhux biss is-suġġetti tal-iskola imma anke li titgħallem mill-iżbalji. Darba, ħafna snin ilu, kollega tiegħi qalli li persuna intelliġenti mhijiex dik li tiżbalja għax dik xi ħaġa li aħna l-bnedmin kollha nagħmlu. (Anzi, u kif jgħidu, l-uniku bniedem li ma jiżbaljax hu dak li qatt ma jagħmel xejn.) Persuna intelliġenti hi dik li żball tagħmlu darba biss.

Meta niffukaw fuq l-affarijiet pożittivi li għandna ħajjitna tespandi u, oħroġ il-għaġeb, jidħlu iktar affarijiet pożittivi f'dak li nagħmlu u nirċievu.

Ma rridx nidher li qed nagħmel prietki. Imma dan kollu li qed nikteb hu mill-esperjenza. Għax waqt li, bħal kulħadd, ikolli mumenti ta' dubji u ta' nuqqas ta' kunfidenza, naf li l-ħsibijiet u l-vuċi tiegħi jistgħu jgħinu għal ħajja aħjar.

Għalhekk nixtieq nistiednek biex anke inti ssib il-vuċi u tbiddel il-ħsibijiet tiegħek ħalli, flimkien mal-maħbubin tiegħek, tkun tista' tgħix ħajja aktar mimlija.

Fl-aħħar imma mhux l-inqas, infakkrek ukoll biex tgawdi mill-maġija li ġġib magħha r-realtà maħluqa sabiex tkun tista' tieħu iktar minn dawn il-paġni li bħalissa għandek f'idejk.

Nispiċċa din l-ittra billi nawguralek…

Il-qari t-tajjeb!

Ruth
xxx

Premjijiet għall-Volontarjat



Il-ħames mandat tal-Kunsill Malti għas-Settur Volontarju wasal fi tmiemu wara li nħatar fil-bidu tas-sena 2020. Dan il-Kunsill kien ippresedut minn Dr. Noel Camilleri u kompost mis-Sur Damian Attard, is-Sinjura Doris Bingley, is-Sinjura Gertrude Buttigieg, is-Sur Leslie Bonnici, is-Sinjura Laura Cunningham, is-Sur Robert Farrugia, is-Sur Saviour Grech, is-Sur Edward Gruppetta, is-Sur Jorge Spiteri u s-Sinjura Mariah Meli (rappreżentanta tal-Gvern) bħala membri.

Matul dan il-mandat il-Kunsill kellu wkoll tliet sottokumitati interni li kienu attivi ħafna, jiġifieri s-Sottokumitat tat-Taħriġ u sapport lil Għaqdiet Volontarji, il-Kumitat responsabbli għall-Għoti tal-Premju Nazzjonali tal-Volontarjat u l-Bord tal-Amministraturi tal-Fond għall-Organizzazzjonijiet Volontarji.

Il-Kunsill jaħdem lejn l-istabbiliment u t-tħejjija tal-Premju Nazzjonali tal-Volontarjat flimkien mal-Uffiċċju tal-President, biex hekk

Ikompli f'paġna 8



Ikompli minn paġna 7

iħejji l-għanijiet u l-proċeduri ġenerali u jistabbilixxi l-kriterji tal-għażla. Ladarba l-proċeduri jkunu fis-seħħ, jipprepara wkoll it-tnedija uffiċjali.

Emendi għall-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji

Wara snin ta' diskussjoni u konsultazzjoni, bil-parteċipazzjoni u l-intervent sħiħ tal-MCVS, l-emendi għall-att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji daħlu fis-seħħ mit-Tlieta, 6 ta' Novembru 2018.

Dawn l-emendi daħlu fis-seħħ biex jemendaw l-att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji 2007 u fost affarijiet oħra introduċa l-kunċett tal-iskrizzjoni obbligatorja u li l-minorenni li jilħqu l-età ta 16-il sena issa jistgħu jistabbilixxu organizzazzjoni volontarja u jkollhom id-dritt tal-vot sħiħ.

L-att stabbilixxa lill-MCVS bħala entità legali u introduċa sistema aktar demokratika tal-formazzjoni tal-istess Kunsill fejn hemm sitt kategoriji settorjali li ġew stabbiliti, jiġifieri s-Soċjali u l-Umanitarji; is-Saħħa u d-Diżabilità; l-Edukazzjoni, iż-Żgħażagħ u l-Isport; l-Ambjent u l-Benesseri tal-Annimali; l-Arti u l-Kultura u Għawdex. Dawn is-setturi għandhom issa jeleġġu direttament ir-rappreżentanti tagħhom fuq il-Kunsill.

L-ewwel elezzjoni għall-Membri tal-Kunsill seħħet fis-16 ta' Novembru tal-2019. L-Organizzazzjonijiet Volontarji ntalbu jivvutaw online fuq il-**VO Funding Portal**.

Il-Premju Nazzjonali tal-Volontarjat

Il-Premju Nazzjonali tal-Volontarjat, organizzat mill-Kunsill Malti għas-Settur Volontarju taħt il-patroċinju tal-President tar-Repubblika ta' Malta, issa ġie stabbilit bħala l-avveniment nazzjonali għas-settur tal-volontarjat.

Fl-2021 il-Premju Nazzjonali tal-Volontarjat ingħata lis-Sinjura Angelique Lofaro mill-Malta

Nature Trust. Dan il-premju huwa mmirat li jagħti lil dak il-volontier individwu li kkontribwixxa fi kwalunkwe qasam, bħal informazzjoni soċjali, umanitarji, is-saħħa, ekoloġika, kulturali, edukazzjoni, sports, eċċ. Il-ħidma volontarja għandu jkollha kontribut pożittiv lejn il-qasam partikolari u għandha idealment isservi bħala ispirazzjoni għal oħrajn.

Il-Premju Organizzazzjoni Volontarja li huwa mogħti lill-organizzazzjoni volontarja li ilha topera fis-settur li hija kemm innovattiva fis-servizzi tagħha fi ħdan il-komunità kif ukoll fil-mod tagħha ta' reklutaġġ u ta' appoġġ lill-volontiera, ingħata lill-Mosta Cycling Club.

Il-Premju Nazzjonali għall-Kumpaniji li jgħinu lis-Settur tal-Volontarjat huwa għal kumpaniji jew

Il-Premju Volontier Żagħżugħ/a huwa mogħti lill-volontiera bejn l-età ta' 16 u 30 sena

organizzazzjonijiet li jiġu mis-settur privat u jagħtu sapport, kif ukoll jgħinu, lill-impjegati tagħhom biex ikunu mal-volontarjat. Il-Premju Nazzjonali għall-Kumpaniji li jgħinu lis-settur tal-volontarjat huma Eyetech Ltd.

Il-Premju Volontier Żagħżugħ/a li huwa mogħti lill-volontiera bejn l-età ta' 16 u 30 sena li għamlu impatt fost iż-żgħażagħ, kien mogħti lis-Sinjura Ylenia Zammit, volontiera ma' The Malta Rabbit Club sa mill-1963.



IMPATT

L-inklużjoni



Meta grupp partikolari jesperjenza n-nuqqas ta' empatija u umanità, bi sfortuna l-aktar li jsoffru l-konsegwenzi jkunu dawk bid-diżabilità.

Is-soluzzjoni kontra din il-problema hi l-inklużjoni. Meta grupp jiġi inkluż, b'xi mod l-isfidi tagħhom jibdew jidhru iktar reali għall-kumplament tal-popolazzjoni. Dan grazzi għall-ħolqien ta' konnessjonijiet fiżiċi, emozzjonali u intelletwali. Fil-qasir, grazzi għall-inklużjoni dawk li jkunu eskluż mill-komunità jibdew jitqiesu bħala iktar 'umani'. Dan jevita problemi soċjali, nuqqas ta' drittijiet u f'xi ċirkustanzi, anke vjolenza kontra dawn l-individwi.

B'xorti tajba, f'dawn l-aħħar snin bdejna naraw iktar programmi maħsubin għal inklusività ikbar. Fosthom sforzijiet edukattivi u anki sportivi. Dawn l-isforzi jgħinu biex adoloxxenti u żgħażagħ jiksbu iktar empatija, waqt li tiżdied il-kunfidenza għal nies b'diżabilità.

Meta grupp jiġi inkluż, b'xi mod l-isfidi tagħhom jibdew jidhru iktar reali għall-kumplament tal-popolazzjoni...

Skont riċerka, jeżistu ħames livelli ta' inklużjoni kumpressiva hekk kif kollha kemm huma jistgħu jwasslu għas-suċċess.

Il-livelli tal-inklużjoni



1 Komunità: Din l-inklużjoni soċjali tista' tkun fiżika, emozzjonali, intelletwali jew spiritwali.



2 Konnessjoni: Jiġifieri inklużjoni emozzjonali, li twassal għal relazzjoni sabiħa bejn nies bi bżonnijiet speċjali u oħrajn.



3 Kontribuzzjoni: Qed nirreferu għal inklużjoni intelletwali, fejn individwi bi bżonnijiet speċjali jiżviluppaw sens ta' dinjità, hekk kif jużaw l-abbilitajiet tagħhom biex joffru kontribut personali jew fi grupp lill-komunità.



4 Kontemplazzjoni: Din hi inklużjoni spiritwali fejn l-individwi jistgħu jimmiraw għal għan partikolari.



5 Kompressjoni: Dan jiġri meta individwu jesperjenza l-erba' livelli msemmijin hawn fuq u b'hekk igawdi minn benefiċċji. Dan għax skont riċerka medika u xjentifika, ħajjet l-individwi msemmija timxi 'l quddiem.

L-inklużjoni għandha tkun il-futur tad-dinja, hekk kif il-kwalità tal-implimentazzjoni tiddetermina l-livell ta' suċċess. Mhux biżżejjed li nitkellmu u niddiskutu dwar dan is-suġġett. Minflok, għandna naraw kif noħolqu programmi apposti sabiex, kemm jista' jkun, kulħadd ikun jista' jesperjenza dawn il-ħames livelli.

IMPATT

Ix-xena tal-litteriżmu f'Malta


Miktub minn Marija Farrugia



L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu bdiet topera f'Malta u Għawdex f'Settembru tal-2014. L-għan tagħha huwa li tippromwovi t-taħdit, il-qari u l-kitba fost it-tfal, iż-żgħażagħ u l-pubbliku inġenerali.

Fl-Aġenzija jaħdmu madwar 70 persuna, b'kull wieħed u waħda għandu sehem importanti fil-missjoni tal-Aġenzija, jiġifieri li l-litteriżmu f'Malta dejjem jimxi aktar 'il quddiem. It-tishiħ u t-tixrid tal-litteriżmu jsir permezz ta' diversi programmi u servizzi li l-Aġenzija toffri. Fosthom insibu 'Aqra Miegħi', li għalih jistgħu jattendu l-ġenituri u wliedhom ta' taħt it-tliet snin u 'Seħer l-Istejjer' fejn isiru sessjonijiet ta' qari għall-ġenituri u t-tfal tagħhom ta' bejn l-erba' u s-seba' snin. Bis-saħħa ta' dawn il-programmi, ilkoll offruti b'xejn, it-tfal ikunu jistgħu jiżviluppaw il-ħiliet tal-qari u l-kitba tagħhom.

Għal dawk il-ġenituri li jkunu jixtiequ jieħdu sehem f'attivitajiet ta' kitba għall-gost mat-tfal tagħhom hemm il-programm 'Xalati ta' Kitba'. Dan il-programm jgħin lill-familji jitħarrġu fil-kreattività u l-ħila tal-kitba f'ambjenti rilassanti u interessanti bħal postijiet naturali, siti storiċi u mużewijiet. It-tuturi tax-Xalati jiffukaw fuq kif tinkiteb storja, poeżija u ġeneri oħra ta' kitba, u l-ġenituri



Bis-saħħa tal-iskema ‘Bis-Sehem Tagħkom’ l-Aġenzija tippubblika materjal edukattiv bi lsienna. F’din l-iskema pubblikaturi lokali jissieħbu mal-Aġenzija u flimkien jippubblikaw riżorsi għall-istudenti bil-Malti

jew kustodji jitgħallmu kif jużaw l-istrateġiji li jitħarrġu fihom ma’ wliedhom id-dar.

Biex isiru dawn il-programmi kollha, l-Aġenzija jkollha bżonn ambaxxaturi tal-qari, li xogħolhom hu li jaqraw lit-tfal b’mod attraenti u divertenti, dejjem bl-għan li fit-tfal titkattar aktar l-imħabba lejn il-kotba. Permezz tal-‘Ambaxxaturi tal-Qari’, l-Aġenzija tistieden personalitajiet prominenti Maltin sabiex imorru jaqraw fl-iskejjel. Fost l-Ambaxxaturi tal-Qari nsibu lil Corazon, Keith Demicoli, Kim Dalli, Taryn Mamo Cefai u Antonia Micallef.

L-Aġenzija ħasbet ukoll f’dawk l-istudenti li jsibuha bi tqila jaqraw u jiktbu. Dawn, jekk ikollhom bejn seba’ snin u għaxra jistgħu jsiru membri ta’ ‘Klabb Naħla’ u tingħatalhom għajnuna, jekk ikun hemm min jista’ jagħtiha wara l-ħin tal-iskola, minn edukatur mill-iskola tagħhom. Hemm ukoll il-programm tal-University College ta’ Londra, ‘Reading Recovery’. Dan huwa maħsub għal dawk it-tfal ta’ sitta, seba’ snin li jkunu qed jaqgħu lura fl-Ingliż. L-intervent isir b’mod individwali minn għalliema mħarrġa apposta, bħall-għalliema kumplimentari u tal-litteriżmu.

Il-‘Brillantini tal-Qari’ huwa programm ieħor ta’ fejda, fost oħrajn għal studenti tal-iskola medja u sekondarja. Dan il-programm huwa maħsub għal dawk li jitgħaxxqu jaqraw u jħobbu l-kompetizzjonijiet jew l-isfidi. L-istudenti jingħataw l-opportunità jibagħtu filmati jew kitbiet tagħhom dwar il-ktieb/kotba favoriti tagħhom u dawk li jispikkaw f’xogħolhom jingħataw premjijiet, kotba u kupuni li jissarrfu f’kotba. Ix-xogħlijiet tal-istudenti jiġu evalwati minn ġurija apposta, li tqis il-kontenut, id-dehra u l-kreattività ta’ kull sottomissjoni.

L-Aġenzija tipprova wkoll trawwem fost l-istudenti l-kultura Maltija. Dan tagħmlu fost oħrajn bil-proġett ‘Rakkonti’ fejn ħrejjef Maltin, miktubin u illustrati minn Trevor Żahra, ingħataw libsa diġitali fuq l-istazzjon tal-YouTube tal-Aġenzija. Ir-riżorsi ta’ dan il-proġett jistgħu jinqraw jew jiġu rreċtati fl-iskejjel, ngħidu aħna, bl-użu tal-pupazzi Bertu u Bettina li toffri l-Aġenzija.

Ma jonqosx inżidu li bis-saħħa tal-iskema ‘Bis-Sehem Tagħkom’ l-Aġenzija tippubblika materjal edukattiv bi lsienna. F’din l-iskema pubblikaturi lokali jissieħbu mal-Aġenzija u flimkien jippubblikaw riżorsi għall-istudenti bil-Malti bħal kotba tal-qari, kotba diġitali, leħħiet, kartelluni, preżentazzjonijiet animati, apps u logħob edukattiv.

Apparti minn hekk l-Aġenzija toffri skema oħra ‘Bil-Ħila Tagħkom’, fejn għalliema u LSEs jistgħu jissottomettu testi lill-Aġenzija bit-tir li jinbidlu f’riżorsi għal-litteriżmu, li jkunu jistgħu jitqassmu fl-iskejjel biex kemm l-istudenti kif ukoll l-edukaturi jkollhom għażla aktar vasta ta’ riżorsi bil-Malti.

L-Aġenzija mhux biss għenet biex jiġu stampati kotba għat-tfal kbar u għat-tfal żgħar bħal

Ikompli f’paġna 14

Jekk titħajru tiktbu xi ħaġa u tkun ta' livell, l-Aġenzija tippubblikalkom il-kitbiet tagħkom, permezz tal-iskema 'Brillantini tal-Kitba'!



ikompli minn paġna 13

'Fenegriż u l-Għalqa tal-Karrotti' ta' Jennifer Spagnol jew 'Ella u l-Frott' ta' Sherise Zammit iżda wkoll kotba ta' ġeneri mhux daqstant komuni għall-istudenti tal-iskola medja u sekondarja, bħal ngħidu aħna, il-ġabra ta' drammi 'Baħar il-Mewt' ta' Mario Azzopardi u s-sensiela bir-realtà maħluqa ta' 'L-Għoġol tad-Deheb', miktuba minn Ruth Frendo.

Sfortunatament mhux kulħadd iħobb jaqra. Kien għalhekk li l-Aġenzija ħolqot il-programm 'Bil-Qari u l-Kitba Niskorja'. Dan il-programm ta' futbol u qari, li huwa offrut ukoll lill-iskejjel medji, iżewweġ flimkien il-passjoni li xi studenti jkollhom għall-futbol mal-gost tal-qari. B'mod partikolari, il-programm jattira subien u bniet li ma tantx iħobbu jaqraw u jiktbu bil-Malti u bl-Ingliż. Dawn ikollhom l-opportunità jinnamraw mal-qari filwaqt li jagħmlu sfidi sportivi mmexxija minn Carmel Busuttil, Saviour Darmanin u Gilbert Agius, eks plejers internazzjonali tat-tim nazzjonali Malti.

L-Aġenzija tisħaq li wara li tispiċċa s-sena skolastika l-istudenti għandhom xorta jkomplu jaqraw u jiktbu. Għaldaqstant waqt ix-xhur tas-sajf (bejn Lulju u Settembru) l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu torganizza l-kampanja ta' qari għall-gost 'Aqra fis-Sajf'.

Il-pandemija COVID-19 ma waqqfitx lill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu milli tibqa' għaddejja b'ħidmietha. Ħafna mill-programmi u s-servizzi, kemm tal-qari kif ukoll tal-kitba, baqgħu jsiru b'mod virtwali bl-użu tal-MS Teams u l-paġni tal-Aġenzija fuq Facebook. Inħeġġu lill-qarrejja ta' din ir-rivista biex ikunu eżempju għal sħabhom u mhux biss ikomplu jaqraw il-kotba li jogħġbuhom imma jitħajru jħarbxu xi ħaġa wkoll. Jekk tkun ta' livell, l-Aġenzija tippubblikalhom il-kitbiet tagħhom, permezz tal-iskema 'Brillantini tal-Kitba'.

Min ikun irid aktar informazzjoni dwar l-Aġenzija, jista' jċempel 25982992 jew inkella jżur il-paġna tal-Facebook tal-Aġenzija.

IMPATT

Min hi Malala?

Malala Yousafari, li kulħadd jafha bħala Malala, twieldet fil-Pakistan fl-1997. Missierha, li kien edukatur, jirrakkonta kif meta kienet żgħira u bilkemm kienet timxi, kienet tidħol fil-klassijiet u tagħmilha ta' għalliema. Imma kollox inbidel meta Malala kellha madwar 10 snin.

Dan għax il-post fejn kienu joqogħdu waqa' taħt il-ħakma tat-Talibani li riedu li l-bniet la jmorru l-iskola u lanqas jaraw it-televiżjoni jew jattendu xi attività kulturali. It-Talibani għalqu 400 skola. Kien għalhekk li Malala u l-familja tagħha kellhom jaħarbu minn pajjiżhom. Bi sfortuna, wara ftit, kellhom jirritornaw f'darhom.


Malala ma setgħetx taċċetta li l-bniet ma setgħux jieħdu edukazzjoni. B'hekk fl-2009 bdiet tikteb blogg anonimu fuq il-BBC fejn kixfet kif kollox kien mar għall-agħar. Fil-blogg tagħha kienet tikteb ukoll dwar kif l-edukazzjoni għandha tkun offruta lil kulħadd, jiġifieri lill-bniet u lis-subien. F'dan il-blogg, li kien jismu, 'I Am Afraid', iddeskriviet il-biża' tagħha.

Jum fost l-oħrajn, meta Malala kellha biss 15-il sena, kienet fuq il-karozza tal-linja fi triqitha lejn darha. Hija kienet qed titkellem ma' sħabha dwar ix-xogħol tal-iskola. Tela' ġuvni Taliban fuq tal-linja, staqsa għaliha b'isimha, u mbagħad sparalha tliet darbiet. Waħda mill-balal daħlet f'rasha.Malajr malajr ittieħdet bl-ajru fi sptar militari Pakistani. Minn hemm ittieħdet għall-kura intensiva fi sptar fl-Ingilterra fejn ġiet operata. B'xorti tajba, ħajjitha ġiet salvata.

Fost l-affarijiet li għamlet wara li rrikoverat, it-tfajla kitbet l-istorja ta' ħajjitha fil-ktieb li jismu, 'I Am Malala: The Girl Who Stood Up for Education and Was Shot by the Taliban'. Barra hekk, bl-għajnuna ta' missierha, waqfet fond fejn il-flus miġbura jgħinu biex it-tfajliet jiġu edukati u nkorraġġuti biex jilħqu l-potenzjal tagħhom sabiex mhux biss isiru iktar kunfidenti, imma anki jilħqu mexxejja f'pajjiżhom.


Malala ngħatat il-Premju Nobel ta' 17-il sena, jiġifieri hi l-iżgħar persuna li qatt irċeviet dan l-unur. Waqt iċ-ċerimonja rringrazzjat lil diversi persuni importanti għaliha, fosthom lil missierha talli dejjem offrielha appoġġ kbir, lil ommha talli għallmitha tkun onesta u paċenzjuża, u lill-għalliema li għallmuha temmen fiha nnifisha u tkun kuraġġuża. Dan waqt li rringrazzjat lil kull minn bagħtilha kartolina biex jinkoraġġiha.





IMPATT

L-akbar ħabib tal-bniedem



Il-klieb jistgħu jiġu mħarrġa jagħmlu affarijiet differenti biex jgħinu lil nies b'diżabilità, fosthom li jifthu l-bibien għal nies fis-siġġu tar-roti, jew li javżaw lill-individwi b'nuqqas ta' smigħ li jkun hemm xi ħadd fil-bieb, jew anke jantiċipaw meta xi ħadd ikun se jkollu attakk ta' puplesija. Dawn il-klieb jissejħu klieb tas-servizz (service dogs) u jkollhom jgħaddu minn taħriġ intensiv biex jikkwalifikaw u jintbagħtu jieħdu ħsieb ta' persuna li jkollha bżonnhom.

Service Dogs Malta Foundation twaqqfet f'April tal-2013 bl-għan li klieb tas-servizz jiġu mħarrġa biex imbagħad isibulhom nies li jkollhom bżonn is-servizz tagħhom f'Malta u f'Għawdex. Il-fondazzjoni tiffoka biex tħarreġ klieb biex joffru assistenza lit-tfal li jkollhom xi forma ta' awtiżmu jew inkella li jkollhom difikultà fl-iżvilupp (bl-Ingliż: Autism Support Service Dogs) u individwi li jkunu jridu jafu bil-livelli

It-taħriġ jieħu madwar sentejn, waqt kelb minn erbgħa biss jirnexxielu jgħaddi t-testijiet kollha sabiex jikkwalifika

għolja jew baxxi ta' zokkor fid-demm tagħhom (bl-Ingliż: Diabetes Alert Service Dogs. Ladarba



jikkwalifikaw, il-klieb jiġu immaċċjati ma' familji. Dan is-servizz hu b'xejn.

Dan it-tip ta' taħriġ jieħu madwar sentejn waqt li kelb minn erbgħa biss jirnexxielu jgħaddi t-testijiet kollha biex jikkwalifika. Dawn il-klieb irid ikollhom karattru tajjeb, waqt li jridu wkoll ikunu dixxiplinati, intelliġenti, kurjużi u ħerqana biex jitgħallmu affarijiet ġodda. Minbarra hekk, importanti li jmorru tajjeb man-nies, speċjalment għax parti mit-taħriġ tagħhom jinkludi li joffru servizzi ta' terapija lil tfal li jkollhom diżabilità biex jitgħallmu, u anke lill-anzjani. Huma jipparteċipaw ukoll fl-iskema 'Aqra lill-Kelb' li ssir fl-iskejjel.

Waqt il-perjodu tat-taħriġ tagħhom, il-klieb jiġu fosterjati minn puppy raisers. Dawn joffru lill-ġriewi abbilitajiet biex jissoċjaliz-zaw. Minbarra hekk jgħinu biex jitħarrġu biex jobdu. Bħal pereżempju, joqogħdu 'bilqiegħda', biex 'ma jiċċaqilqux' u biex 'jiġu'.

Hu importanti ħafna li kelb tas-servizz ma jiġix distratt waqt li jkun jew qed jiġi mħarreġ

Ikompli f'paġna 18

Il-klieb irid ikollhom karattru tajjeb waqt li jridu wkoll ikunu dixxiplinati, intelliġenti, kurjużi u ħerqana biex jitgħallmu affarijiet ġodda...




Ikompli f'paġna 17


jew inkella qed jaħdem. Tinduna li kelb ikun qed jaħdem għax ikun liebes flokk bil-kliem 'Service Dog' fuqu.

Kelb tas-servizz jiswa lill-fondazzjoni bejn €15,000 u €20,000 biex iħarrġuh u jieħdu ħsiebu. Dawn l-ispejjeż jinkludu s-servizzi ta' veterinarju (fosthom tests inizjali ta' screening, vaċċini u check ups regolari), servizzi ta' trasport, ikel u servizzi ta' grooming.

Il-fondazzjoni tapprezza l-voluntiera u l-isponsors li joffru appoġġ lill-organizzazzjoni jew bil-flus jew inkella b'donazzjonijiet oħrajn fosthom dawk ta' servizzi veteranji, groomers jew ikel tal-klieb.

Kelb tas-servizz jiswa lill-fondazzjoni bejn €15,000 u €20,000 biex iħarrġuh u jieħdu ħsiebu...





Jekk int interessat jew li ssir volontier, jew inkella li toffri donazzjoni, mela nistidnuk biex tibgħat email fuq is-sit www.servicedogsmalta.org jew inkella tikkuntattjahom fuq Facebook fuq il-paġna Service Dogs Malta Foundation.

Legali vs illegali

Kif inkunu nafu jekk ċertu diskors jew aġir huwiex dak li bl-Ingliż jissejjaħ 'hate speech' jew 'hate crime'?



■ Jekk kumment (miktub jew verbali) hu aggressiv, iwassal għal ħsara jew deni u hu immirat għal bniedem jew grupp ta' nies partikolari, dan jiġi kklassifikat bħala 'hate speech' u hu suġġett għal iktar investigazzjoni.

Il-kummenti msemmija jista' jkun:

Espost: materjal miktub jew stampat u jkun abbużiv, insolenti jew juri theddida.

Ixewwex: materjal li jipprovoka jew iħajjar lil dak li jkun biex ikun vjolenti jew diskriminatorju.

Immirat: materjal immirat fuq persuna/i minħabba xi karatteristika tagħhom. Fosthom it-twemmin, is-sess, il-lingwa, eċċ.

■ Jekk azzjoni tkun aggressiva jew insolenti u jkollha l-għan li tiġi trażmessa sabiex ikun hemm iktar ħsara jew deni hekk kif ikun immirat għal persuni speċifiċi jew grupp ta' nies, dan jaqa' fil-kategorija ta' 'hate crime' u jkun hemm bżonn ta' iktar investigazzjoni.

Insulti verbali: jiġi użat kliem li jew iweġġa' jew jipprovoka.

Vjolenza u aggressività: l-użu ta' theddid, vjolenza jew karattru insolenti.

Tixwix: provokar u insistar biex ħaddieħor jiġi pperswadut għal azzjonijiet vjolenti jew ta' mibegħda.

Targit: persuni jiġu mmirati minħabba l-karatteristiċi tagħhom. Fosthom it-twemmin, is-sess, il-lingwa, eċċ.

Jekk int, jew xi ħadd li taf, tkunu għaddejjin minn problemi simili jew taraw dan it-tip ta' aġir, tistgħu tieħdu azzjoni jew tagħmlu kuntatt mal-Aġenzija tal-Vittmi tal-Kriminalità permezz tan-numru 25689700 jew bl-email fuq vsasupport@gov.mt



"Ma nistgħux inkiddlu l-passat. Imma nistgħu nkiddlu l-futur. Dan ukoll grazzi għar-riċiklaġġ"

Pariri importanti

Ħadd mhu se jsalva l-pjaneta tagħna. Ħadd – ħlief jien u int! Dawn ta' hawn taħt huma suġġerimenti biex il-komunità tagħna titgħallem tirriċikla iktar u taħli inqas.

Ir-riċiklaġġ bħala drawwa
Ir-riciklaġġ għandu jiġi b'mod awtomatiku. Imma biex nagħmlu dan irid ikollna boroż u dustbins apposta. Minbarra hekk, għandna wkoll nifhmu u napprezzaw il-vantaġġi li nagħmlu dan.

Moda iktar sostenibbli
Nistgħu nagħmlu dan billi nixtru ħwejjeġ li jista' jibqa' jintlibes f'okkażjonijiet differenti u għal ammont ta' snin. Vantaġġ ovvju hu li grazzi għal dan niffrankaw il-flus u nkunu nistgħu nonfquhom f'affarijiet oħrajn.

Nirriċiklaw il-ħwejjeġ u aċċessorji
B'hekk u għal darb'oħra, mhux biss inkunu qed niffrankaw il-flus, imma anki nilbsu

Xi tgħid jekk dawk il-biċċiet injam li hemm jiġru fil-garaxx tal-ġenituri jiġu mibdulin f'biċċa arti?

ħwejjeġ oriġinali u differenti minn dawk li ta' madwarna jkunu libsin. Idea tajba tkun li dak li jkun jitgħallem il-ħjata u r-rakkmu, fost l-oħrajn.

Proġetti u sfidi
Min jaf li kieku nużaw fliexken tal-plastik biex nagħmlu serra? Jew inkella nitgħallmu kif isir il-kompost? Xi tgħid jekk dawk il-biċċiet injam




li hemm jiġru fil-garaxx tal-ġenituri jiġu mibdulin f'biċċa arti? Jew inkella jekk dik il-kitarra antika ssir xkaffa b'differenza?

Ikkonvinċi lil ta' madwarek
Jekk hemm bniedem li jirrifjuta li jirriċikla taqtax qalbek. L-ewwel suġġeriment tagħna hu li tispjega r-raġunijiet għaliex irriċiklaġġ huwa importanti. Jekk hemm bżonn, tista' wkoll tuża stampi – anke dawk xokkanti. Fosthom ritratti ta' annimali li ġew imweġġgħa jew li mietu minħabba l-imbarazz li n-nies irmew.

Sib użu ġdid għall-oġġetti
Min jaf tistax tuża l-landa tal-galletti bħala kontenitur… jew inkella tiżjin f'kamartek?

Uża l-ħin tiegħek biex tgħin
Jekk għandek ċans ingħaqad ma' oħrajn biex tgħin fit-tindif f'postijiet pubbliċi. Fosthom fejn il-baħar.


Tinsiex tirriċikla dawn l-oġġetti!



Karta u kartun
Gazzetti, kaxxi tal-kartun, rivisti (anke din li bħalissa għandek f'idejk!), karti, tal-bajd u envelops huma fost l-oġġetti li jistgħu jkunu jiġu riċiklati.



Plastik
Fliexken tal-ilma u oħrajn, fliexken bil-likwidu biex taħsel l-idejn, eċċ., huma tajbin għar-riċiklaġġ.




Metall
Laned tal-metall fosthom dawk tal-ikel, tal-kafè u tas-soppa – u anke l-għotjien tagħhom – kollha huma riċiklabbli. Imma tinsiex li dawn iridu jkunu ndaf u għalhekk aħsilhom qabel ma tirriċiklahom.



Ħġieġ
Kontenituri tal-ħġieġ tax-xorb jew tal-ikel mhux talli huma riċiklabbli 100%, iżda jistgħu jibqgħu jiġu riċiklati bla ma qatt jitilfu mill-kwalità tagħhom.

IMPATT

Kont taf li dawn iż-żewġ personaġġi huma refuġjati?




Henry Cavill fil-film 'Man of Steel' (Warner Bros, 2013)

Superman

Bħala tarbija ntbagħat minn Krypton, pjaneta li kienet qed tmut. Koppja Amerikana minn Kansas sabet lit-tifel u semmietu Clark Kent, hekk kif rabbietu bħala binhom. Meta skoprew li Clark kellu poteri mmensi, huma għenuh irabbi valuri morali u ispirawh biex isir eroj.

Interessanti li Superman hu kemm aljen li għen lid-dinja tagħna li tkun offrietlu refuġju, kif ukoll individwu Amerikan li dejjem issielet favur il-verità u l-ġustizzja.

Fl-aħħar imma mhux l-inqas, is-supereroj inħoloq mill-artista tal-comics Joe Shuster u mill-kittieb Jerry Siegel, li t-tnejn huma wlied immigranti Lhud.



Ben Kingsley f''Moses' (The Bible Collection, 1995)

Mosè

L-istorja ta' Mosè nsibuha fit-Testment l-Antik, li hu studjat minn reliġjonijiet differenti. Fosthom mill-Kattoliċi, mill-Iżlamiċi u minn nies ta' twemmin Ġudajku. Fl-istorja naraw kif bejn is-seklu 13 u 14, Mosè mexxa lill-poplu Iżraelit mill-Eġittu, hekk kif dan il-poplu kien ilu s-snin jinżamm skjav mill-Fargħuni. Mosè mexxa lill-poplu tiegħu mid-dežert tas-Sinaj u wasslu għal-libertà. Kien ukoll Mosè li ngħata l-Għaxar Kmandamenti.

Għal iktar informazzjoni żur is-sit tal- UNHCR (The UN Refugee Agency) www.unhcr.org/neu/

Kwotazzjonijiet li għandhom jispirawk

"Int kapaċi tagħmel dak kollu li tiddeċiedi li trid tagħmel."

Eminen ▶
(1972-)
Kantawtur, rapper u producer Amerikan



"Jekk timxi fit-triq it-tajba u tkun lest li tibqa' miexi, eventwalment tagħmel progress."

Barack Obama
(1961-)
Eks President tal-Istati Uniti tal-Amerika

"Meta ta' madwarek jippruvaw jikkonvinċuk inti min inti, temminhomx."

Maria Popova ▶
(1984-)
Kittieba Bulgara



"Ħares 'il fuq lejn l-istilel u mhux l-istess lejn saqajk. Ipprova agħmel sens minn dak li tara, u aħseb dwar l-eżistenza tal-univers. Kun kurjuż."

Stephen Hawking
(1942-2018)
Kożmologu u kittieb Ingliż

X'tista' tagħmel biex il-kitba tiegħek tiġi ppubblikata?

Min hi Malala?

Superman u Mosè x'għandhom inkomuni?

Għaliex ċerti klieb jiġu jiswew bejn €15,000 u €20,000 il-wieħed?

X'tip ta' diskors hu illegali?

Volontiera żgħażagħ kif jistgħu jirbħu premju lokali?

IMPATT se jirrispondi dawn il-mistoqsijiet kollha, waqt li joffrilek paġni mimlijin kurżitajiet, tagħrif u divertiment. Ma ninsewx li tista' tgawdi mit-teknoloġija magħrufa bħala realtà maħluqa hekk kif uħud mill-artikli jieħdu l-ħajja. L-app titniżżel (b'xejn!) fuq il-mobile u/jew it-tablet tiegħek.

Min jaf, forsi dak li se taqra, jew tara, iwassal biex ibiddillek ħajtek!

Dan il-proġett ġie ffinanzjat permezz tal-Volontary Organisations Project Scheme amministrat mill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat f'isem Segretarjat Parlamentari għall-Isport, Rikreazzjoni u l-Għaqdiet Volontarji fi ħdan il-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Kwalità tal-Ħajja.

Il-Kunsill Malti għas-SETTUR VOLONTARJU

vops Voluntary Organisations Project Scheme

IS-SEGRETARJAT GĦAS-SPORT, REKREAZZJONI U L-GĦAQDIET TAL-VOLONTARJAT

Nixtiequ nirringrazzjaw ukoll lil
(skont l-ordni alfabetika)

GRAND HARBOUR MARINA VITTORIOSA ✳ MALTA

MED SERV

melita foundation

Pro.Motion

THE POINT SHOPPING MALL TIGNÉ POINT